**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**
**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Mario Xiberras)**
**(Spettur Hubert Cini)**

**vs**

**Alan Brown**

**Illum 27 ta' Jannar 2021**

**Kumpilazzjoni numru: 183/2020**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Alan Brown, detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 109375(M) billi huwa akkuzat talli nhar id-19 ta' Dicembru 2019 bejn it-03:00hrs u l-05:00hrs gewwa Triq il-Wilga, Hal Luqa; volontarjament ta nar lil dar, mahzen, hanut, dar ta' abitazzjoni, jew bini iehor, gharix jew xi lok iehor; cioe` materjal li jaqbad ta' residenza bin-numru 38, Casa Joe Jane, Triq il-Wilga, Hal Luqa meta gewwa d-dar kien hemm persuna u/jew persuni filwaqt tal-hruq u dan ghad-detriment ta' Emanuel Ellul minn Hal Luqa u/jew persuni ohra.

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe` ghamel hsara fuq zewgt iqsari u l-bieb tar-residenza bin-numru 38, Casa Joe Jane, Triq il-Wilga, Hal Luqa; liema hsara ma tiskorrix il-€250 ghad-dannu ta' Emanuel Ellul minn Hal Luqa u/jew persuni ohra.

Il-Qorti giet gentilment mitluba li f'kaz ta' sejbien ta' htija tikkundanna l-hati ghall-hlas, lir-registratur, tal-ispejjez kollha jew ta' parti mill-ispejjez li kellhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri, inkluzi dawk tal-esperti li jkunu gew mahtura fl-istadju tal-process verbal tal-inkjesta, hekk kif mahsub f'artikolu 533 et sequitor tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-nota tal-Avukat Generali (*a fol. 223*) datata 24 ta' Awwissu 2020 li permezz taghha baghat lill-imputat biex jigi ggudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub taht:

- Fl-artikoli 316 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikolu 325(b) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 383, 384, 385 u 412C tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 17, 31 u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat illi waqt l-udjenza tal-10 ta' Settembru 2020 (*a fol. 225)* gew moqrija l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fl-24 ta' Awwissu 2020, u f'liema

seduta l-imputat iddikjara li ma ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

**Ikkunsidrat:**

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat kif registrat fl-atti fis-seduta tal-10 ta' Settembru 2020 ghall-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 392A(1) tal-Kap. 9 talLigijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha u kien biss wara li staqsietu t-tieni darba wara li kkonsulta mal-avukat tieghu Dr Martha Mifsud li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-istess imputat, il-Qorti tiddikjara li m'ghandiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti ordnat **Pre-Sentencing Report** liema rapport gie pprezentat fis-seduta tad-19 ta' Novembru 2020 (*a fol.* 288).

Semghet lill-Prosekuzzjoni u d-Difiza jitrattaw fuq il-piena fejn kien hemm qbil mal-parametri li kellha timxi maghhom il-Qorti.

**Il-Qorti thoss li l-imputat ghandu bzonn l-ghajnuna biex jeghleb il-vizzju tal-abbuz minn sustanzi illegali, liema ghajnuna bdiet tinghatalu . Rat li waqt il-mori ta' din il-kawza huwa dahal f'*shelter* tal-Caritas fejn mistenni jibda l-programm residenzjali minhabba l-ghajnuna li ghandu bzonn biex jehles mill-vizzju tad-droga li jgieghlu jaghmel hwejjeg li kieku jkun hieles mill-vizzju zgur li ma jaghmilx. Min ikun hieles mid-droga wara programm ta' riabilitazzjoni ma jcediex ghal pressjoni li ssir fuqu, kif sar f'dan il-kaz meta ppartecipa f'agir kkundannabbli ghall-ahhar li fis-satra tal-lejl imur wara residenza li ma jafx ta' min hi u jaghti n-nar li fortunatament ma halliex konsegwenzi gravi. F'dan il-kaz l-imputat ceda ghal pressjoni u ma hax il-parir ta' dik li kienet t-tfajla tieghu biex ma jidholx fl-inkwiet.**

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti.

**Ikkunsidrat:**

*XHIEDA*

F'dan il-process xehdu wiehed u ghoxrin (21) xhud kif gej:

PS 90 Jeffrey Gerada (*a fol* 26 et. seq.); Emanuel Ellul (*a fol* 35 et. seq.); Joseph Ellul (*a fol* 38 et. seq.); Jane Ellul (*a fol* 42 et. seq.); Dr. Daniel Vella (a fol 49 et. seq.); PS 186 Kristian Mintoff (a fol 63 et. seq.); WPC 156 Lara Garzia (a fol 80 et. seq.); Emily Abela (a fol 89 et. seq.); Ellie Briffa (a fol 112 et. seq.); Charmaine Zammit (*a fol* 118 et. seq.); PS 1396 Sergio Farrugia (*a fol* 123 et. seq.); PC 1011 Braden Desira (*a fol* 129 et. seq.); Spettur Mario Xiberras (*a fol* 131 et. seq.); Dr. Marisa Mifsud (*a fol* 170 et. seq.); Joseph Mallia (*a fol* 216 et. seq.); Probation Officer Maria Mifsud (*a fol* 218 et. seq.);

PC 1191 Jonathan Galea (*a fol* 220 et. seq.); Liam Vidal (*a fol* 227 et. seq.); Joseph Mallia (*a fol* 228 et. seq.); Spettur Hubert Cini (*a fol* 262 et. seq.); Dr. Martin Bajada (*a fol* 264 et. seq.), Noel Cassar (*a fol* 333) u Probation Officer Maria Mifsud (*a fol* 334).

Il-Qorti se taghmel kunsiderazzjonijiet dwar l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat qabel tghaddi biex taghmel konsiderazzjonijiet dwar il-piena.

**L-ewwel imputazzjoni**

**Volontarjament jaghti n-nar - artikolu 316 tal-Kap 9**

Skont in-Nota tal-Avukat Generali qieghed jibbaza l-ewwel imputazzjoni fuq artikoli 316 tal-Kap 9.

> *316.Kull min volontarjament jagħti n-nar lil dar, maħżen, ħanut, dar ta' abitazzjoni, bastiment, vettura, baċil jew bini ieħor,għarix, jew xi lok ieħor, meta hemm ġew ikun hemm persuna fil-waqt tal-ħruq, jeħel meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija għalgħomru:*
>
> *Iżda, jekk ebda persuna ma titlef ħajjitha, il-ħati jeħel –*
>
> *(a) jekk huwa seta' jobsor li f'dak il-waqt hemm ġew kien hemm xi persuna, il-piena ta' priġunerija minn sitt snin sa tnax-il sena;*
>
> *(b) xort'oħra, il-piena ta' priġunerija minn erba' snin sadisa' snin.Ħruq b'periklu komuni.*

Artikolu 317 jipprovdi:

***317.*** *Kull min volontarjament jagħti n-nar lil bini, vettura, għarix, jew lok ieħor imsemmi fl-aħħar artikolu qabel dan, iżda meta ġewwa ma jkun hemm ebda persuna fil-waqt tal-ħruq, jew, kull min volontarjament jagħti n-nar lil materjal li jaqbad, u dan il- bini, għarix, jew lok ieħor, jew dan il-materjal, ikun qiegħed b'mod li jista' jqabbad il-ħruq lil bini ieħor, għarix, jew lok ieħor, fejn f'dak il-waqt hemm ġewwa jkun hemm xi persuna, jeħel, meta jinsab ħati -*

*(a) jekk il-ħruq iqabbad band'oħra, il-piena ta' priġunerija għal għomru:*

*Iżda jekk ebda persuna ma titlef ħajjitha, il-ħati jeħel -*

***(i) jekk hu seta' jobsor li fil-waqt kien hemm xi persuna ġewwa l-bini, għarix, jew lok li ħa n-nar mill-ħruq, il-piena ta' priġunerija minn ħames snin sa disa' snin;*** (enfazi tal-Qorti)

*(ii) xort'oħra, il-piena ta' priġunerija minn tliet snin sa sitt snin;*

***(b) jekk il-ħruq ma jqabbadx il-bini, għarix, jew lok ieħor, il-piena ta' priġunerija minn tliet snin sa ħames snin***. (enfazi tal-Qorti)

Artikolu 318 jghid:

***318.*** *Kull min volontarjament jagħti n-nar lil bini, vettura, għarix, jew lok ieħor imsemmi fl-artikolu 316, iżda meta fil-waqt ma jkun hemm ebda persuna hemm ġewwa, u dan il-bini, vettura, għarix, jew lok ieħor, jkun qiegħed b'mod li ma jistax iqabbad ħruq f'bini ieħor, għarix, jew lok ieħor, fejn waqt il-ħruq ikun hemm xi persuna hemm ġewwa, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn sentejn sa erba' snin.*

Il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali deciza mill-Imhallef Joe Galea Debono l-**Pulizija vs Valentine Sciberras** deciza fil-11 ta' Jannar 2007 li trattat dwar hruq b'mod volontarju:

*Illi l-appellant pero' jobbjetta ukoll li l-artikolu 316 (b) li fuqu tidher bazata l-ewwel imputazzjoni skond in-Nota ta' l-Avukat Generali (fol.210) u skond ma gie citat mill-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata, ghandu bhala element essenzjali tieghu li s-soggett passiv tar-reat irid ikun persuna differenti w mhux l-akkuzat stess. In sostenn ta' dan iccita s-sentenza ta' din il-Qorti (Sede Superjuri) fil-kawza **"Ir-Repubblika ta' Malta vs. Joseph Desira "** [13.5.1999]*

*Fit-trattazzjoni orali tieghu, l-abbli prosekutur Dr. Tonna Lowell, issottometta li f'kaz li ma tirrizultax htija taht l-artikolu 316(b) tista' tinstab htija taht l-artikolu 317 jew 318 li huma reati komprizi w involuti fir-reat kontemplat fl-art. 316 (b).*

*L-abbli difensur Dr. Joseph Giglio pero' rribatta li se mai mhux l-artikolu 317 imma l-artikolu 318 hu applikabbli, imma f'kull kaz dan mhux reat kompriz u nvolut fl-artikolu 316.*

*Ikkunsidrat;*

*Illi is-sentenza ta' **Joseph Desira** citata mill-appellant proprjament tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-artikolu 311 tal-Kodici Kriminali u mhux tal-artikolu 316(b) in dizamina. B'dana kollu, fil-fehma ta' din il-Qorti d-difiza ghandha ragun meta tissottometti li l-persuna li tkun*

*gewwa l-lok jew bastiment li jinghata n-nar u cioe' s-suggett passiv tar-reat trid ikun differenti mill-persuna li attwalment tkun appikkat l-incendju w li konsegwentement ma jistax ikun applikabbli l-artikolu 316(b) invokat mill-Avukat Generali, ghaliex fuq il-lancja Lady Tess, meta gie appikkat in-nar, ma rrizulta li kien hemm hadd iehor hlief l-appellant innifsu li hu l-persuna li qabbad in-nar. Lanqas ma hu applikabbli, fil-fehma ta' din il-Qorti l-artikolu 317, ghax ma saret ebda prova li fil-bastimenti jew ingenji tal-bahar li kienu vicin il-Lady Tess u li spiccaw qabdu ukoll jew gew danneggjati bin-nar jew, addirittura fil-bini tal-faccata, qrib fejn anki spiccaw waslu xi oggetti jaqbdu w li ntfew mill-ewwel Pulizija li wasal fuq il-post, kien hemm xi nies fihom, anki jekk, f'kull probbabilta', x'aktarx li fil-bini faccata tat-triq kien hemm xi nies. Imma l-probabbli mhux bizzejjed biex tirrizulta l-htija, trid issir il-prova sal-grad tac-certezza morali.*

*Invece tidher li tirrizulta fil-konfront tal-appellant l-imputazzjoni taht l-artikolu 318, li, fil-fehma ta' din il-Qorti, hija wahda kompriza w involuta fir-reat imputat lill-appellant mill-Avukat Generali, ghaliex tikkontempla proprju l-istess att materjali kontemplat fl-artikolu 316 ossia "**kull min jaghti volontarjament jaghti n-nar li bini, gharix jew lok iehor imsemmi fl-artikolu 316"** (ergo bastiment ukoll), pero' b'konsegwenzi inqas gravi ghax fil-lok ma jkun hemm hadd iehor u ma jkunx hemm il-perikolu li jaqbad lok iehor fejn ikun hemm xi persuna hemm gew. Fil-kaz ta' dar-reat, il-piena hija wahda inqas minn dik kontemplata fl-artikolu 316 u 317, u ghalhekk hu certament "reat izghar" li hu kompriz fl-ewwel imputazzjoni kif testwalment dedotta fit-termini tal-art.467 (4).*

*Ghalhekk fil-fehma tal-Qorti l-aggravju ta' natura legali sollevat mill-appellant huwa gustifikat izda ma jwassalx ghall-assoluzzjoni kompleta, imma biss biex tinstab htija ta' reat minuri kompriz u involut kontemplat fl-artikolu 318 minflok dak addebitat lill-appellant taht l-artikolu 316 (b), kif ser jigi deciz f' din is-sentenza.*

Il-Qorti taghmel referenza ghall-gurisprudenza barranija fejn trattat dan is-suggett:

Lord Bingham of Cornhill qal*: 'in any statutory definition of a crime, 'malice' must, as we have already seen, be taken – not in its vague common law sense as 'wickedness' in general, but – as requiring an actual intention to do the particular kind of harm that in fact was done . . For it is essential to arson that the incendiary either should have intended the building to take fire, or, at least, should have recognised the probability of its taking fire and have been reckless as to whether or not it did so.'*[1]

*'Again, if you think that the prisoner set fire to the frame of the picture with a knowledge that in all probability the house itself would thereby be set on fire, and that he was reckless and utterly indifferent whether the house caught fire or not, that is abundant evidence from which you may, if you think fit, draw the inference that he intended the probable consequences of his act, and if you draw that inference, then, inasmuch*

[1] REGINA V G AND R: HL 16 OCT 2003

*as the house was in fact set on fire through the medium of the picture frame, the prisoner's crime would be that of arson.'*[2]

Lord Diplok qal*: 'I see no rational ground for excluding from conduct capable of giving rise to criminal liability, conduct which consists of failing to take measures that lie within one's power to counteract a danger that one has oneself created, if at the time of such conduct one's state of mind is such as constitutes a necessary ingredient of the offence. I venture to think that the habit of lawyers to talk of actus reus, suggestive as it is of action rather than inaction, is responsible for any erroneous notion that failures to act cannot give rise to criminal liability in English Law.'*[3]

**Il-Qorti ghalhekk se ssib htija fil-konfront tal-imputat dwar l-ewwel imputazzjoni *izda t*aht l-artikolu 317 li huwa reat kompriz w involut fir-reat kontemplat fl-art. 316 (b).**

**<u>It-tieni imputazzjoni</u>**

**Hsara volontarja – artikolu 325(1)(a) tal-Kap 9**

Dwar din l-imputazzjoni jqumu argumenti ta' natura legali dwar danni volontarji fuq il-proprjeta' ta' terzi. Ladarba l-hsara qed jigi allegat li saret bhala rizultat t'incendju mqabbad mill-imputat, allura l-Avukat Generali ma setax jinvoka l-artikolu 325 bhala l-artikolu li tahtu setghet tinstab

[2] REGINA V HARRIS: 18 (1882) 15 COX CC 75
[3] REGINA V MILLER: HL 17 MAR 1982

htija. Fl-appell kriminali **"Il-Pulizija vs. Mark Mizzi"**[4] [11.5.2006] il-Qorti qalet hekk :-

*"Illi l-kontenzjoni tad-difiza quddiem l-Ewwel Qorti kienet li l-artikolu 325 ma japplikax ghal dawn il-fatti ghaliex l-actus reus ma jistax ikun dak ta' tqabbid ta' nar go dar, ghaliex dak ir-reat hu kopert b'artikoli ohra tal-ligi, senjatament bl-artikoli 316, 317 u 318 tal-Kodici Kriminali. Invece l-artikolu 325 indikat mill-Avukat Generali fin-nota tieghu, jipprovdi ghall-kazijiet ta' min volontarjament ihassar, jaghmel hsara jew jgharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew imobbli**, b'mezzi xort'ohra minn dawk imsemmijin fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-sub-titolu.***

*"Issa s-Sub-titolu IV tat-Titolu IX tat-Taqsima II tal-Ewwel Ktieb tal-Kodici Kriminali, li jittratta dwar delitti kontra s-sigurta' pubblika u fuq hsarat fil-proprjeta', johloq diversi reati specifici w cioe' :- dak ta' hsara bi* ***spluzzjoni*** *doluza (art. 311,312,) dak ta' min izomm jew jaghmel* ***sustanza esplussiva*** *(art. 313); dak ta' min dolozament jikkonsenja jqieghed, jispara jew jisplodi xi* ***mezz letali*** *u cioe' kull haga imfassla sabiex, jew li ghandha l-kapacita' li tikkawza l-mewt, hsara gravi fuq il-persuna jew proprjeta' billi thalli johorgu jew jinfirxu, jew bl-impatt ta' kimici tossici jew agenti biologici, jew toxins jew sustanzi simili jew radjazzjoni jew materjal radioattiv (art. 314A); dak ta' min dolozament ikollu ghandu jew jaghmel uzu minn, jikkonsenja, ibiddel, jiddisponi minn jew ixerred* ***materjal nukleari*** *li jista' jqieghed f' perikolu il-hajja ta' haddiehor, ecc. (art. 314B); dak ta' min jaghti* ***n-nar*** *jew b'xi mod*

[4] Liema decizjoni kienet abbracjata mill-Imhallef Joe Galea Debono fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali Il-Pulizija vs Valentine Sciberras deciza fil-11 ta' Jannar 2007 – Appell Nru. 244/06

*iehor jiddistruggi tarznar, bastiment tal-gwerra, mahzen tal-porvli, bacil pubbliku jew kamp ta' artillerija; (art. 315); dak ta' min* ***jaghti n-nar lil dar , mahzen hanut , dar t' abitazzjoni, bastiment, bacil jew bini iehor, gharix jew xi lok iehor, meta hemm gew ikun hemm persuna fil-waqt tal-hruq*** *(art. 316); dak ta' min volontarjament* ***jaghti n-nar lil bini, gharix jew lok iehor izda meta gewwa ma jkun hemm ebda persuna fil-waqt tal-hruq, ecc****. (art. 317); dak ta' min* ***jaghti n-nar lil bini gharix jew lok iehor izda fil-waqt li ma jkun hemm ebda persuna hemm gewwa u dan il-bini, gharix jew lok iehor ikun qieghed b'mod li ma jistax iqabbad hruq f' bini, iehor, gharix jew lok iehor, fejn waqt il-hruq ikun hemm xi persuna hemm gewwa*** *(art. 318) dak ta' min* ***jaghti n-nar lil dwieli, qatgha imhawwla ta' sigar, munzelli, jew gemgha ohra ta' qmugh , qoton jew prodott iehor simili****, ecc. (art. 319); dak ta'* ***espluzzjoni ta' mina*** *(art. 320); dawk ta'* ***wiri ta' dwal foloz*** *b'perikolu ghan-navigazzjoni u* ***qtugh ta' ktajjen*** *(art. 321, 322 u 323).*

*"Wara din il-lista ezawrjenti hafna li tikkontempla numru kbir ta' mezzi differenti kif wiehed jista' jikkaguna hsara lil persuni jew proprjeta', il-ligi fl-artikolu 325 tohloq speci ta' delitt residwali biex ikopri xi tip ta' hsara ohra li ma hix inkluza fl-artikoli dettaljati w specifici li jippreceduh u tghid testwalment :-*

*"(1) Kull min,* ***<u>B'MEZZI XORT'OHRA MINN DAWK</u>*** *<u>IMSEMMIJA FL-ARTIKOLI TA' QABEL TA' DAN IS-SUB-TITOLU</u> , volontarjament ihassar jaghmel hsara jew jgharraq hwejjeg*

*haddiehor, mobbli jew immobbli , jehel meta jinsab hati…." (sottolinear ta' din il-Qorti.)*

*"Illi l-appellat qed jissottometti – kif ghamel anki quddiem l-Ewwel Qorti b'success – li d-dicitura ta' dan l-artikolu ma thalli ebda dubju li biex jissussisti dan ir-reat, irid jigi uzat xi mezz differenti ghal kollox mill-mezzi elenkati b'mod ezawrjenti fl-artikoli ta' qabel.*

*"Din il-Qorti taqbel ma' din is-sottomissjoni. Dan ghaliex il-fatti li qed jigu addebitati lill-appellat huma proprju dawk li* ***ta nar*** *lill-****bini jew dar t'abitazzjoni*** *w b'hekk ikkaguna danni fil-proprjeta' tal-genituri tieghu. Kjarament dan l-agir li jaqa' taht ir-reat tal-incendju doluz hu espressament kopert b'xi wiehed mill-artikoli 316, 317 u 318 fuq imsemmija, skond ic-cirkostanzi li jirrizultaw. Igifieri l-legislatur haseb b'reat "ad hoc" taht id-diversi cirkostanzi kontemplati f'dawn it-tlitt artikoli ghall-agir addebitat lill-appellat u ghalhekk hawn ma jidholx l-artikolu residwali kontemplat fl-artikolu 325.*

*"…. Konsegwentement l-Ewwel Qorti kienet korretta meta ddecidiet li l-"mezzi xort'ohra" imsemmija fl-artikolu 325 ma jikkomprendux l-ghoti tan-nar lil bini w abitazzjoni, ghax dan hu mezz kopert b'artikoli ohra "ad hoc"."*

Il-Qorti ssostni li biex tirrizulta imputazzjoni akkampata fuq l-artikolu 325, il-hsara volontarja trid tkun ir-rizultat ta' <u>xi mezz iehor</u> mhux imsemmi fl-artikoli ta' qabel tal-istess sub-titolu. Invece hawn jirrizulta li

l-hsara grat bhala konsegwenza ta' hruq fuq il-propjeta' tal-*parte civile*, reat kopert bid-dispozizzjonijiet tal-artikoli 317 u/jew 318.

Issir riferenza ghas-sentenza fl-ismijiet Il-**Pulizija vs Andre Falzon**[5]:

*Minn dawn il-fatti jemergi allura illi l-ammissjoni ta'l-appellanti hija konfliggenti mal-provi l-ohra li hemm fl-atti, senjalatament l-istqarrija tieghu stess ghaliex minn din ta'l-ahhar jirrizulta illi huwa ikkometta r-reati addebitati lilu mhux f'Awwissu, izda f'Settembru 2013 u kwindi huwa ammetta ghall-fatti li ma kenux gew kommessi minnu ghal ta'l-anqas mhux fid-data indikata fl-akkuza, izda xahar wara. Illi d-dottrina fir-rigward tal-valur probatorju ta'l-ammissjoni maghmula mill-persuna akkuzata tghallimna illi:*

*"Dwar l-effett ta' ammissjoni fuq l-appell tal-persuna misjuba hatja din il-Qorti (jew ahjar, il-Qorti Kriminali li allura kienet tisma' l-appelli mid-decizjonijiet tal-Qorti tal-Magistrati tal-Pulizija Gudizzjarja) diga` kellha l-opportunita` li tippronunzja ruhha fis-sentenza tagha tas-27 ta' Ottubru, 1962 fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija vs George Cassar Desain (Kollez. Deciz. XLVI.IV.911). F'dik is-sentenza gie ritenut, mill-kompjant Imhallef William Harding, fuq l-iskorta ta' gurisprudenza kemm Ingliza kif ukoll lokali, li fuq ammissjoni ta' l-imputat Qorti ma tistax hlief tghaddi ghall- kundanna tieghu ammenokke` ma jirrizultax li l-imputat ma jkunx fehem in-natura ta' l- imputazzjoni jew li ma kinitx l-intenzjoni tieghu li jammetti li hu hati ta' dik l-imputazzjoni*

[5] Deciza 19 ta' Novembru, 2015; Qorti tal-Appell Kriminali per Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima; Appell numru 385/2015.

***jew li fuq il-fatti minnu ammessi l-Qorti ma setghetx skond il-ligi, tikkundannah, cjoe` ssibu hati ta' reat.***[6] "*(sottolinjar tal-Qorti)*

*Illi fil-kaz in dizamina ma jistax jinghad illi l-appellanti qieghed jallega illi huwa ma fehemx in- natura ta' l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, jew inkella li ma kenitx l-intenzjoni tieghu li jammetti, izda jirrizulta mill-atti illi abbazi tal-fatti tal-kaz kif esposti, l-Ewwel Qorti ma setatx issib htija ghal tali akkuzi billi ma kenux jissussistu fid-data indikata fl-akkuza. Issa l-kodici penali taghna jimponi l-obbligu fuq il-Qorti Kriminali taht l-artikolu 436(3)(c) li ghandha taghmel dak kollu li m'huwiex projbit jew mhux ordnat mill-ligi taht piena ta' nullita, kull meta l-Qorti fid-diskrezzjoni taghha jidhirliha li hu hekk mehtieg ghat-tikxif tal-verita.' Illi l-appellanti allura ghandu ragun u din il-Qorti ma tistax taghlaq ghajnejha ghal dan in-nuqqas procedurali daqslikieku ma kienx jezisti u dan ghaliex is-sentenza impunjata tirrifletti fatti li mhumiex sostanzjati bil-provi li hemm fl-atti, ghalkemm l-appellanti ammetta ghalihom. Kwindi din il-Qorti ma ghandhiex triq ohra hlief li tghaddi sabiex tannulla id-decizjoni appellata u dan billi tirrizulta decizjoni hazina fuq il-mertu u dan kif previst fl-artikolu 428(5) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.*

Illi fis-sentenza moghtija mill-istess Qorti fl-ismijiet Il**-Pulizija vs Godfrey Formosa**[7] nghad:

*Minn dawn il-fatti jemergi allura illi l-ammissjoni ta'l-appellanti ma tirriflettiex l-fatti li jemergu mill- provi li hemm fl-atti, ....*

[6] Il-**Pulizija vs Martin Camilleri** 20/01/1995 (Vol.LXXIX.v.1538)
[7] Deciza 26 t'Ottubru, 2017 per Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima; Appell numru 99/2017

*Allura dan iwassal ghal konkluzjoni illi minn ezami tal-atti u abbazi tal-fatti tal-kaz kif esposti, l- Ewwel Qorti ma setatx issib htija ghall-ewwel imputazzjoni billi r-reat qatt ma seta' jirrizulta. Issa l-kodici penali taghna jimponi l-obbligu fuq il-Qorti Kriminali taht l-artikolu 436(3)(c) li ghandha taghmel dak kollu li m'huwiex projbit jew mhux ordnat mill-ligi taht piena ta' nullita, kull meta l- Qorti fid-diskrezzjoni taghha jidhirliha li hu hekk mehtieg ghat-tikxif tal-verita.' Mhux biss izda l- artikolu 392(A)(3) jimponi fuq il-Qorti illi:*

*"..... meta jkun hemm raġuni tajba biex wieħed jiddubita jekk ir-reat kienx ġie tassew magħmul, jew jekk l-akkużat hux ħati tar-reat, il-qorti għandha, għalkemm l-akkużat ikun stqarr li hu ħati, tordna li l-proċeduri jkomplu jitmexxew 'l quddiem, bħallikieku l-akkużat ma weġibx li hu hati."*

*Illi l-appellanti allura ghandu ragun u din il-Qorti ma tistax taghlaq ghajnejha ghal dan in-nuqqas daqslikieku ma kienx jezisti u dan ghaliex is-sentenza impunjata tirrifletti fatti li mhumiex sostanzjati bil-provi li hemm fl-atti, ghalkemm l-appellanti ammetta ghalihom.....*

Illi ghalkemm l-artikolu 436(3) tal-Kodici Kriminali mhux wiehed mill-artikoli rezi applikabbli specifikatament ghall-Qrati tal-Magistrati bl-artikolu 525 tal- Kodici, mhemmx dubbju li din il-Qorti tkun qed tonoqs

serjament mid-doveri taghha jekk issib persuna hati ta' imputazzjoni li kif spjegat aktar 'l fuq ma tirrizultax[8].

**Ghaldaqstant fid-dawl ta' dawn ir-risultanzi processwali l-Qorti qed tillibera lill-imputat mit-tieni imputazzjoni migjuba kontrih.**

**KONSIDERAZZJONIJIET OHRA DWAR IL-PIENA**

Illi in linea generali jibda biex jinghad li:

> *l-piena m'ghandiex isservi bhala xi forma ta' vendikazzjoni tas-socjeta` fil-konfront tal-hati. Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu importanza, fost affarijiet ohra, kemm ir-rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll ir-riforma tal-istess hati. Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta`. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta' persuni li b'ghemilhom juru li huma ta' minaccja ghas-socjeta` dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic-cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-kaz ta' reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali. Il-Qrati ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena.*[9]

Illi c-cirkostanzi ta' kull kaz huma partikolari ghal dak il-kaz u normalment ivarjaw radikalment mic-cirkostanzi ta' kull kaz iehor. Huwa impossibbli ghal-legislatur li jipprevedi dawn ic-cirkostanzi kollha u, a

[8] Ara wkoll is-sentenza fl-ismijiet Il-**Pulizija (Spettur Joseph Xerri) -vs- Mohamed Abdulmajeb** Abungab deciza mill-Magistrat Donatella Frendo Dimech fis-6 ta' Awwissu 2020

[9] Ref Ir-**Republika ta' Malta vs Rene sive Nazzareno Micallef**: Appell Kriminali deciz 28.11.2006.

priori, jistabilixxi (ghal kull reat) piena specifika ghal kull sensiela ta' cirkostanzi differenti li fihom jista' jitwettaq dak l-istess reat.

Illi huwa propju ghalhekk illi ghal kull reat il-Ligi ma tistipulax piena fissa imma tistipula minimu u massimu; jispetta lill-Qorti biex fid-diskrezzjoni taghha, u entro dawk il-parametri, teroga dik il-piena permezz ta' liema, skont ic-cirkostanzi ta' kull kaz, tipprova ssib dak il-bilanc gust bejn d-diversi skopijiet li ghandhom jintlahqu.

Illi dwar il-varji modi kif il-Qorti tista' titratta ma' persuna misjuba hatja ta' xi reat u x'evalwazzjoni ghandha ssir biex jigi stabbilit liema minn dawn il-modi jservi l-aktar lill-gustizzja, kellha l-opportunita tippronunzja ruhha l-Qorti ta' l-Appell Kriminali.

**Is-sentenza Rittmar Hatherly u Justine Farrugia**[10]

Din il-Qorti tirreferi ghas-sentenza fl-ismijiet il-**Pulizija vs Rittmar Hatherly et**. deciza mill-Prim Imhallef Vincent Degaetano fid-9 ta' Ottubru 2008, fejn huwa tajjeb li wiehed jara l-isfond ta' dik is-sentenza biex ikun aktar infurmat kif il-Qorti dakinnhar irragunat, liema argumenti din il-Qorti taqbel maghhom u thaddanhom.

> [Jibda biex jinghad li fil-fehma ta' din il-Qorti dana l-appell ta' l-Avukat Generali, bil-mod kif inhu redatt, jirrazenta l-fieragh. In fatti kullma jinghad fih, ghal dak li hu aggravju, hu s-segwenti:
>
> **"Illi l-aggravju hu car u manifest u jikkonsisti filli l-ewwel Qorti ghas-semplici raguni li deherilha li jkun ta' beneficcju ghall-imputati u s-**

[10] App Nru 178/08

**socjeta`, poggiethom fuq Probation. Illi bir-rispett l-ordni ta' Probation hija intiza biex jinghata f'kazi genwini u mhux f'kazi bhal dawn fejn minkejja kull hniena mill-Qorti l-appellanti baqghu jiksru l-ligi kif jirrizulta mill-fedina penali taghhom. Illi f'dan il-kaz il-piena kellha tkun wahda karcerarja."**

Wara din l-esposizzjoni skarna u lakonika ta' l-aggravju, issegwi t-talba ghar-riforma – din il-Qorti qed tintalab tikkonferma s-sejbien ta' htija izda tirrevoka l-Ordnijiet ta' *Probation* u minflok "tinfliggi piena karcerarja effettiva skond il-ligi." F'dan ir-rikors ma sar lanqas l-icken tentattiv da parti tar-rikorrent appellant biex jipprova jinseg xi argument a bazi <u>ta' dak li tghid il-ligi</u>, per ezempju, fis-subartikoli (1) u (2) tal-Artikolu 7 tal-Kap. 446, jew a bazi ta' dak li nsibu fil-gurisprudenza jew fl-awturi. L-appellant donnu isejjes l-appell tieghu unikament fuq il-kuncett ta' "kaz genwin" kontrappost ghal dawk is-sitwazzjonijiet fejn il-Qorti tkun precedentement uriet hniena ma' dak li jkun izda dan ikun baqa' jikser il-ligi. Anqas ma hu l-Avukat Generali jitlob l-applikazzjoni ta' l-Artkolu 23 tal-Kap. 446 – hu qed jitlob biss "piena karcerarja effettiva" fil-konfront taz-zewg appellati.

Issa, ghalkemm huwa veru li qorti ghandha dejjem toqghod attenta li ma tizvalutax il-mizuri mhux karcerarji a disposizzjoni taghha b'applikazzjoni taghhom bl-addocc u minghajr ma tiehu kont xieraq tal-antecedenti penali ta' dak li jkun, mill-banda l-ohra s-semplici fatt li persuna tkun precedentement inghatat *probation* jew *conditional discharge* ma jfissirx necessarjament li ma tkunx tista', jew li m'ghandhiex, fil-kazijiet li jikkwalifikaw terga' tinghata *probation* jew *conditional discharge* jew tigi applikata fil-konfront taghha xi mizura ohra taht il-Kap. 446. F'dan ir-rigward din il-Qorti taghmel referenza ghal dak li nghad fis-sentenza taghha tat-18 ta' Jannar 2001 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. George Farrugia:**

"Issa, huwa veru li l-appellat ghandu fedina penali li ftit din il-Qorti rat bhalha. Bizzejjed jinghad li dina l-fedina penali tiehu xejn anqas minn 42 faccata. L-appellat illum ghandu erbghin sena, u f'dawn l-erbghin sena huwa kellu xejn anqas minn 77 kundanna mill-Qrati ta' Gustizzja Kriminali. Kien hemm xi okkazzjonijiet fis-snin sebghin u fil-bidu tas-snin disghin meta l-qrati applikaw fil-konfront tieghu sia l-Artikolu 5 kif ukoll l-Artikolu 9 tal-Kap. 152; il-bqija tal-kundanni, pero`, jinvolvu multi u habs. A propositu ta' din il-karriera, l-Avukat Generali, fir-rikors tieghu, jghid hekk:

""F'dawn ic-cirkostanzi u f'din is-sitwazzjoni refrattarja u irriversibbli li fiha l-imputat waddab lilu nnifsu, l-esponent bl-akbar umilta` ma jista' qatt jaccetta jew jikkondividi it-tip ta' piena, jew ahjar il-mod kif l-ewwel qorti deherilha li kellha titratta mal-imputat. Hawnhekk ma ghandniex xi kaz ta' xi cittadin Malti ta' eta` tenera li habat difrejh l-ewwel darba mal-ligi u jinstab l-ewwel darba quddiem il-Qorti."

"Apparti li din il-Qorti ma tistax taqbel ma' l-Avukat Generali fejn dan jghid li s-sitwazzjoni ta' l-appellat hija "irriversibbli" – fil-fehma tal-Qorti hija l-mewt biss li ggib stat jew sitwazzjoni ta' irriversibilita` assoluta – anqas ma tista' din il-Qorti tikkondividi l-fehma ta' l-Avukat Generali li Ordni ta' *Probation* hu indikat biss ghal "first offenders" zghazagh. Anke fil-kaz ta' persuna ta' eta` mhux zghira u li forsi hu recidiv, tista' titfacca fil-hajja ta' dik il-persuna *a window of opportunity* li permezz taghha jkun jista' jinkiser ic-ciklu ta' kundanni u ta' prigunerija. Kif jispjega David Thomas fil-ktieb tieghu ***Principles of Sentencing*** (Heinemann, London, 1979):

"" The term 'inadequate recidivist' is used to describe an offender, middle aged or older, who has over a long period of years committed numerous offences, not in themselves in the first rank of seriousness, and has served many terms of imprisonment as well as experiencing an extensive selection of other penal measures. Faced with such an offender, the Court will usually grasp any chance of breaking the cycle of offence and sentence, even if the chances of success are obviously limited...As in the case of the intermediate recidivist there must be some prospect of success, however remote" (pp. 22, 23).

"U aktar tard l-istess awtur jghid hekk dwar l-uzu ta' l-Ordni ta' *Probation*:

““The probation order is clearly the most important individualized measure available to a sentencer. It is not limited to any one group of offenders; as the discussion in chapter one illustrates, probation is used to deal with recidivists of mature age as well as the young and those of good character” (p. 236).

Minn dan kollu jidher car kemm hi zbaljata l-idea semplicistika ta’ l-appellant li ghax persuna kienet inghatat precedentement xi forma ta’ *non-custodial sentence* allura hija neccessarjament m’ghandhiex terga’ tinghata *probation*. Kif inghad, kollox jiddependi fuq il-fattispeci partikolari tal-kaz, u b’mod specjali fuq il-*prospect of success* ta’ dik il-mizura partikolari ghal dik li hija r-riforma tal-hati.]

Ricentement il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Simon Borg**[11] dahlet fil-fond dwar l-iskop ta′ piena:

Dil-Qorti tagħmel ir-riflessjonijiet segwenti dwar l-istess piena. Il-ġustifikazzjoni tal-piena fl-eżerċizzju tad-Dritt Penali modern hija pernjata fuq tliet prinċipji kardinali u tiffoka fuq tliet effetti prinċipali, jiġifieri l-effett :

(a) Retributtiv;

(b)Preventiv; u

(c) Riedukattiv jew rijabilitattiv tal-piena

L-**<u>aspett retributtiv</u>** tal-piena huwa, skont il-ġurista Francesco Carnelutti, dak li jservi biex jirristabbilixxi is-sitwazzjoni morali soċjali għal kif kienet qabel ma seħħet il-ħsara lis-soċjeta bil-kommissjoni tar-reat. U s-soċjeta teżiġi li l-ħati jagħmel tajjeb

[11]Appell numru 96/2019deciz Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja fl-10 t′Ottubru 2019

għall-azzjoni vjolattiva tad-dritt penali kommessa minnu u li tkun kisret il-paċi u trankwillita' tagħha.

L-**aspett preventiv** tal-piena huwa dak li jrid jassigura li l-piena tkun strument li bih, grazzi għal biża li s-sanzjoni li tkun tista' tingħata toħloq f'moħħ is-soċjeta, b'mod li dak li jkun jerġa jaħsibha darbtejn qabel ma jikkommetti reat. Fi kliem ieħor, minħabba l-biża li teħel il-piena, persuna tiġi mġegħela tixtarr sew il-konsegwenzi t'egħmilha qabel ma twettaq l-att kriminuż.

L-**aspett preventiv** għalhekk huwa dupliċi : wieħed ta' natura ġenerali u l-ieħor ta' natura speċjali. L-**effett preventiv ġenerali** huwa dak li bis-saħħa tal-liġi penali li tistabbilixxi l-piena, is-soċjeta tiġi kemm jista' jkun imrażna milli tikkommetti reati minħabba l- biża li tinkorri fil-piena jekk tinstab ħatja. Aktar ma dik il-piena tiġi applikata fil-prattika, aktar dak l-effett preventiv ġenerali jkun laħaq il-mira tiegħu. L-**aspett preventiv speċjali** huwa dak li japplika għall-ħati innifsu, li jkun esperjenza fuqu personali l-effetti tal-piena, b'mod li darb'oħra jerġa jaħsibha sew qabel ma jagħżel li jikser il-Liġi. Jekk is-soċjeta titlef din il-biża mill-piena minħabba li l-Liġi penali tibda' titnaqqar fil-kwalita jew kwantita tal-piena jew inkella minħabba li l-pieni ma jiġux applikati bir-rigorosita dovuta għall-fattispecie tal-każ, allura ma jkun hemm xejn li jġiegħel lill- membri tas-soċjeta milli jiddeżistu għax jekk jiddelinkwu mingħajr konsegwenza jew b'konsegwenza żgħira, isir konvenjenti għall- membri fi ħdan soċjeta li jiddelinkwu. Dan iwassal għal proliferazzjoni ta'

delinkwenza b'konsegwenzi nefasti għall-interessi tal-kollettivita'. Is-soċjeta allura teħtieġ li l-piena jkollha aspett preventiv li jkun effettiv u effikaċi meħtieġ għall-eżistenza paċifika tagħha stess. Altrimenti, il-kollass.

Finalment hemm l-**aspett riedukattiv u rijabilitattiv** tal-piena, li tikkonċentra mhux daqstant fuq l-aspett tal-ħtija speċifika tal-ħati u li għaliha tkun immirata l-azzjoni repressiva tal-piena, daqskemm fuq l-aspett ta' trattament terapewtiku individwali, immirat lejn ir- rijabilitazzjoni tal-ħati. Dan l-aspett rijabilitattiv huwa kruċjali għas-soċjeta in kwantu jgħin lill-ħati jgħaddi minn proċess ta' riforma tiegħu innifsu biex jgħinu jinqata' mir-raġunijiet u l- kundizzjonijiet li jkunu wasluh biex jiddelinkwi, billi jagħraf iqum fuq saqajh, jibni ħajtu mill-ġdid u ma jibqax aktar ta' theddida għas-soċjeta bħal meta kien fil-mument meta jkun iddelinkwa.

F'dan il-kuntest il-piena għandu jkollha **effetti riedukattivi u korrezzjonali** fuq il-ħati. Biex dan l-għan jintlaħaq, il-ħati għandu jsib dawk l-istrutturi maħsuba mill-Istat biex ikun jista' jwettaq dan il-perkors rijabilittativ u jiġi mgħejjun itejjeb l-imġieba tiegħu b'mod li għalhekk ikun jista' jerġa jiġi reintegrat fis-soċjeta, billi jiġi riedukat, imħeġġeġ jiżviluppa t-talenti u l-abbiltajiet tiegħu, inkoraġġit jaħdem biex ikollu biex jerġa jibni ħajtu u jgħix diċenti, ma jkollux għalfejn jiddelinkwi u jkollu wkoll minn fejn jagħmel tajjeb għad-danni li jkun ikkawża b'egħmilu. F'dan is-sens allura

l- Carnelutti jtenni li l-piena hija distinta mill-kastig, għalkemm għandha effikaċja repressiva.

**Illi din il-Qorti hasbet fit-tul dwar il-piena idonea li ghandha tigi nflitta fic-cirkostanzi fil-konfront tal-imputat u jidrilha li piena karcerarja effettiva ma tkunx idonea fic-cirkostanzi, u dan ghaliex l-imputat waqt il-mori ta' din il-kawza qabad il-barri minn qrunu u ghazel li jaghmel programm ta' riabilitazzjoni ghand l-Caritas wahda mill-agenziji ewlenin ta' pajjizna li jghinu tassew lil dawk li jirrikorru ghandhom ghal ghajnuna. Jkun aktar facli ghal din il-Qorti li b'daqqa ta' piena tigi taqa' u tqum mill-isforz li ghamel l-imputat biex jaqbad it-triq it-tajba. Kieku l-Qorti taghmel dan barra li tkun qeghda tohloq ingustizzja flok gustizzja mal-imputat, tkun qeghda taghti daqqa ta' harta lill-hidma li twettaq b'tant ghozza u professjonalizmu il-Caritas. Anke jekk persuna tul it-triq li tkun qabdet issib xi skoll il-Qorti ghandha terga' ghal darb'ohra taghti l-id tal-ghajnuna u taghmel dak kollu li tista' halli dik il-persuna tasal biex tkun cittadin idoneju ta' dan il-pajjiz.**

**DECIDE:**

Ghal dawn il-mottivi il-Qorti wara li rat artikolu 316, 317 u 325 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ma ssibx lill-imputat hati tat-tieni imputazzjoni u minnha tilliberah **u issibu hati tal-ewwel imputazzjoni addebitata fil-konfront tieghu** u tordna li, ai termini ta' Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-

Ligijiet ta' Malta, l-imputat jitqieghed taht Ordni ta' Probation ghal tliet (3) snin millum.

Ai termini ta' l-Artikolu 7(7) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta l- Qorti fissret lill-imputat Alan Brown bi kliem car u li jinftiehem, l-effetti tal-ordni ta' probation u tal-kundizzjonijiet kollha elenkati fid-Digriet anness ma' din is-sentenza u li f'kaz li jonqos milli jikkonforma ruhu ma' dik l-ordni u dawk il-kondizzjonijiet u/jew f'kaz li jaghmel reat iehor tul it-terminu tal-ordni ta' probation, jista' jinghata sentenza ghar-reati li taghhom nstab hati b'din is- sentenza.

Ai termini ta' l-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u tal-ordni ta' probation moghtija b'Digriet ta' llum stess ghandhom jigu trasmessi minnufih lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation sabiex jassenja ufficjal tal-probation biex ikun responsabbli ghas-sorveljanza ta' l-imputat  Alan Brown.

Bhala konkluzzjoni l-Qorti qeghda tqieghed lill-hati taht ordni ta' trattament ai termini tal-Artikolu 412D tal-Kodici Kriminali, liema ordni qieghed isir ghal perjodu ta' sentejn (2) bil kundizzjonijiet elenkati f'l-ordni mghoti kontestwalment, inkluz li jispicca programm ta' riabilitazzjoni ghand il-Caritas.

L-Uffiċjal Sorveljanti assenjat għandu jirrapporta bil-miktub lill-Qorti bil-progress tal-ħatja kull sitt (6) xhur kemm dwar l-Ordni ta' Probation kif ukoll dwar l-Ordni ta' Trattament.

Finalment, wara li rat Artikolu 533 tal-Kap 9 tordna lil Alan Brown jhallas is-somma ta' disa' mija u sitta u tletin ewro (€936)[12] bhala nofs l-ispejjez peritali li jridu jithallsu fi zmien tliet snin millum u dan biex l-imputat ikun lesta mill-Programm ta' Riabilitazzjoni u jkun beda jahdem.

---

**Dr. Joseph Mifsud**
**Magistrat**

[12] Dr. Daniel Vella (€505.98); PS 186 Kristian Mintoff (€98.90); Joseph Mallia (€636.19); Dr. Martin Bajada (€631.30) **TOTAL**: €1872.37